Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0232(COD)

11.12.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE fir-rigward taż-żieda ta' sustanzi u l-iffissar ta' valuri ta' limitu fl-Annessi I, III u IIIa tagħha
(COM(2025)0418 – C10-0180/2025 – 2025/0232(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Liesbet Sommen

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 23

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 25

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE fir-rigward taż-żieda ta' sustanzi u l-iffissar ta' valuri ta' limitu fl-Annessi I, III u IIIa tagħha

(COM(2025)0418 – C10-0180/2025 – 2025/0232(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2025)0418),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 153(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0180/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***jew*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi	(2) Id-Direttiva 2004/37/KE tkopri sustanzi ***u*** taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi tal-

riprotossiċi tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] kif ukoll sustanzi, taħlitiet ***jew*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari dwar ***dik is-sustanza***.	kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] kif ukoll sustanzi, taħlitiet ***u*** proċessi msemmija fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għandha tiġi pprovduta evidenza xjentifika robusta għal kwalunkwe żieda ġdida fil-lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi msemmija f'dak l-Anness I biex jintwera li dawn is-sustanzi, it-taħlitiet u l-proċessi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE, abbażi ta' sorsi xjentifiċi validi disponibbli bħall-ECHA, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC, International Agency for Research on Cancer) u l-korpi nazzjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil-letteratura rieżaminata bejn il-pari ***dwar dawk is-sustanzi, taħlitiet u proċessi***.
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju dwar l-ambitu tal-ECHA[7], id-dħaħen ***tal-iwweldjar*** huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-	(3) L-IARC ikklassifikat id-dħaħen tal-iwweldjar bħala "karċinoġeniċi għall-bnedmin" (Grupp 1 tal-klassifikazzjoni tal-IARC). Skont l-istudju dwar l-ambitu tal-ECHA, id-dħaħen ***mill-iwweldjar u minn proċessi li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili,*** huma kumplessi u jistgħu jinkludu karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi riprotossiċi, bħall-komposti tal-kromu (VI, Chromium), il-komposti tan-nikil, il-

eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH[8], huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen minn proċessi ***ta' wweldjar*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ***għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji*** għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

kadmju u l-komposti inorganiċi tiegħu. Il-kumplessità u l-eteroġeneità tad-dħaħen tal-iwweldjar ***u dħaħen oħra***, flimkien man-nuqqas ta' klassifikazzjoni armonizzata fir-Regolament (KE) 1272/2008, jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċarezza dwar il-perikolużità possibbli tagħhom għall-ħaddiema, u għalhekk għal nuqqas ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji xierqa fuq il-post tax-xogħol. L-indirizzar ta' dak in-nuqqas ta' klassifikazzjoni għad-dħaħen tal-iwweldjar fil-livell tal-Unjoni jiżgura aktar ċarezza legali f'termini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, f'konformità mal-opinjoni tal-ACSH, huwa xieraq li fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE jiġi inkluż xogħol li jinvolvi esponiment għal dħaħen ***mill-iwweldjar u*** minn proċessi ***li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili*** li fihom sustanzi ***jew taħlitiet*** li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ***Dik l-opinjoni tal-ACSH[8] identifikat ukoll il-ħtieġa ta' aktar miżuri biex jitnaqqsu l-effetti fuq is-saħħa tal-esponiment għall-partikoli mid-dħaħen tal-iwweldjar u minn sorsi oħra, inkluż l-istabbiliment ta' limitu ġenerali tat-trab skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[8a]. Barra minn hekk, l-ACSH irrakkomanda l-iżvilupp ta' gwida dwar id-dħaħen tal-iwweldjar. Minbarra l-gwida eżistenti, bħall-Gwida għall-Ispetturi Nazzjonali tax-Xogħol dwar l-indirizzar tar-riskji għas-saħħa mid-dħaħen tal-iwweldjar żviluppata mill-Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol fl-2018, gwida ulterjuri, ibbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika, tista' tkun kruċjali biex tgħin lill-ispetturi tax-xogħol u lill-intrapriżi, speċjalment lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs, u fl-iżgurar tal-konformità mal-entrata rilevanti tad-dħaħen tal-iwweldjar fl-Anness I tad-Direttiva 2004/37/KE. Tali gwida tista' sservi biex tippromwovi, fost l-oħrajn, livell għoli minimu komuni ta' protezzjoni**

għall-ħaddiema kollha esposti għad-dħaħen tal-iwweldjar madwar l-Istati Membri. Huwa xieraq ukoll li l-Kummissjoni tagħti prijorità biex tivvaluta jekk gwida ulterjuri biex tevalwa l-Qafas Strateġiku attwali tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Fuq il-Post tax-Xogħol u biex jiġi żviluppat il-Qafas Strateġiku tal-UE possibbli għal wara l-2027 tkunx xierqa.

---

[7] ECHA (2022), Scoping Study report for evaluation of limit values for welding fumes and fumes from other processes that generate fume in a similar way at the workplace, disponibbli fuq: report_welding_fumes_en.pdf (europa.eu)

[8] ACSH (2023), Opinion on introducing work involving exposure to fumes from welding processes containing substances that meet the criteria for CMR category 1A/1B set out in Annex I to the CLP Regulation, Doc. 006/23, disponibbli fuq: ACSH Adopted opinion Welding fumes 22.09.23-EN.pdf (europa.eu)

[8a] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, ***huwa prevedibbli li se jkun diffiċli li tintlaħaq konformità ma'***	(6) Għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tiegħu, jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta' limitu ta' 0,02 mg/m³ (frazzjoni

valur ta' limitu ta' 0,01 mg/m³ għall-frazzjoni inalabbli u ta' 0,0025 mg/m³ għall-frazzjoni respirabbli fuq terminu qasir. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li matulu jenħtieġ li japplikaw il-valuri ta' limitu ta' 0,02 mg/m³ (frazzjoni inalabbli) u ta' 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli).

inalabbli) u ta' 0,0042 mg/m³ (frazzjoni respirabbli).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-1,4-diossan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[12] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul u għal żmien qasir ta' 7,3 mg/m³ (2 ppm) u 73 mg/m³ (20 ppm), rispettivament, issupplimentat b'notazzjoni dwar il-ġilda u valur ta' limitu bijoloġiku ta' 45 mg HEEA fl-awrina/g ta' kreatinina, fi tmiem l-esponiment jew il-bidla.	(9) Il-1,4-diossan jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk, huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża d-data xjentifika u teknika, inklużi l-opinjonijiet tal-RAC[12] u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul u għal żmien qasir ta' 7,3 mg/m³ (2 ppm) u 73 mg/m³ (20 ppm), rispettivament, issupplimentat b'notazzjoni dwar il-ġilda u valur ta' limitu bijoloġiku ta' 45 mg HEEA fl-awrina/g ta' kreatinina, ***imkejjel*** fi tmiem l-esponiment jew il-bidla.
[12] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/61801	[12] https://echa.europa.eu/oels-activity-list/-/substance-rev/61801

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-obbligi tal-impjegaturi stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jqisu li l-fatt li l-mikrointrapriżi u l-SMEs, li jirrappreżentaw maġġoranza kbira mill-intrapriżi fl-Unjoni, għandhom riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani limitati. Sabiex tiġi żgurata l-akbar protezzjoni possibbli tal-ħaddiema fl-intrapriżi kollha, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-impatt tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-piż amministrattiv relatat fuq dawk l-intrapriżi, sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, b'enfasi speċifika fuq il-mikrointrapriżi, u li jippubblikaw ir-riżultati ta' valutazzjonijiet bħal dawn. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha u jiffaċilitaw il-konformità tal-mikrointrapriżi u l-SMEs. F'dan l-isfond, miżuri speċifiċi, bħall-appoġġ finanzjarju u amministrattiv, jistgħu jgħinu lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs jkomplu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u jagħmlu progress lejn l-eliminazzjoni tar-riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għall-ħaddiema kollha.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Il-kobalt jintuża f'diversi setturi ta' importanza strateġika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima, bħas-settur tal-batteriji. L-avvanz tat-tranżizzjoni industrijali, l-istimolu tal-

ekonomija ċirkolari u ż-żamma u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika internazzjonali fil-materja prima huma kollha prijoritajiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Minħabba l-proprjetajiet ta' ħsara tal-kobalt u tal-komposti inorganiċi tiegħu, ir-rilokazzjoni tal-intrapriżi li jipproċessaw il-kobalt lejn pajjiżi terzi b'regolamenti dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol inqas stretti jeħtieġ li tiġi evitata f'kull mument.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 12d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12d) Uħud mis-sustanzi koperti minn din id-Direttiva, bħall-kobalt, huma meqjusa essenzjali għas-salvagwardja tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni u biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur industrijali ewlenin. Għal dawk is-sustanzi, fin-nuqqas ta' alternattivi xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-benefiċċji soċjoekonomiċi li jirriżultaw mill-użu kontinwu tagħhom meta mqabbla mar-riskji għall-ħaddiema fis-setturi rilevanti. Fid-dawl tar-realtajiet ġeopolitiċi li qed jevolvu u l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-ktajjen tal-provvista u d-dipendenzi strateġiċi, tali valutazzjonijiet jenħtieġ li jiġu rieżaminati f'intervalli regolari. Abbażi ta' dawk il-valutazzjonijiet, u f'konsultazzjoni mas-

sħab soċjali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra eżenzjonijiet immirati u limitati għal valuri ta' limitu eżistenti jew ġodda, li jkunu strettament limitati għal attivitajiet fejn tali użi jibqgħu indispensabbli għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 12e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12e) Id-data minn madwar l-Unjoni kollha dwar problemi tas-saħħa relatati max-xogħol minħabba l-esponiment għall-kobalt u l-komposti inorganiċi tiegħu, l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, l-isoprin u l-1,4-diossan spiss tkun nieqsa, mhux affidabbli jew insuffiċjenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-ġbir tad-data mill-Istati Membri biex ittejjeb ir-reġistri tar-rapportar u tal-esponimenti.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 12f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) Il-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jinżammu taħt skrutinju regolari u jiġu rieżaminati mill-inqas kull ħames snin abbażi tal-avvanzi fl-għarfien u fit-teknoloġiji sabiex tiġi żgurata l-konsistenza kontinwa mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u mal-iżviluppi soċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 12g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12g) Il-ħaddiema spiss ikunu esposti għal taħlita ta' sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol, li jistgħu jżidu r-riskji u jikkawżaw effetti avversi fuq is-saħħa. Fil-każ ta' esponiment għal taħlita ta' sustanzi li jaġixxu bl-istess mod ta' azzjoni jew fl-istess ċellola jew tessut fil-mira, huwa meħtieġ li tiġi adattata l-implimentazzjoni tal-valuri ta' limitu possibbli tagħhom biex jitqiesu l-effetti kkombinati.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 12h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12h) Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE biex tinkludi sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, inkluż il-merkurju u l-komposti divalenti inorganiċi tal-merkurju, li żdiedu mal-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE. Peress li mhux il-komposti tal-merkurju divalenti inorganiċi kollha jistgħu jiġu kklassifikati bħala sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-valur ta' limitu japplika biss għall-merkurju u għall-komposti divalenti inorganiċi tal-merkurju li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. It-terminu "merkurju u komposti divalenti inorganiċi tal-merkurju inkluži l-ossidu tal-merkurju u l-klorur tal-merkurju (imkejla bħala merkurju)" għalhekk jenħtieġ li jiġi

sostitwit bit-terminu "merkurju u komposti divalenti inorganiċi tal-merkurju li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE (imkejla bħala merkurju)".

[1a.] ***Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 1).***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 12i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12i) L-isporen jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/37/KE. Għalhekk huwa xieraq, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, inkluż l-opinjonijiet tal-RAC12 u tal-ACSH, li jiġi stabbilit valur limitu tal-esponiment okkupazzjonali fit-tul ta' 8,5 mg/m3 (3 ppm).

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 12j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12j) Il-pumpiera u l-persunal tas-servizzi ta' emerġenza huma f'riskju ta' espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni waqt xogħolhom. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol tal-pumpiera bħala karċinoġeniku. L-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol tal-pumpiera jinkludi varjetà ta' perikli li jirriżultaw minn nirien u avvenimenti mhux tan-nar. Għalhekk huwa importanti li min iħaddem lill-pumpiera, inklużi l-pumpiera volontarji, u persunal tas-servizzi tal-emerġenza jivvaluta, f'konformità mad-Direttiva 2004/37/KE, ir-riskju ta' espożizzjoni għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u jieħu l-miżuri neċessarji biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà ta' dawk il-ħaddiema.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 12k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12k) Hemm il-ħtieġa li l-ħaddiema jirċievu taħriġ suffiċjenti u xieraq meta jkunu esposti jew x'aktarx ser ikunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, inklużi dawk li jinsabu f'ċerti prodotti mediċinali perikoluż. It-taħriġ li min iħaddem huwa meħtieġ li jipprovdi skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis riskju ġdid jew li jinbidel, b'mod partikolari meta l-ħaddiema jkunu esposti għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni ġodda jew għal għadd ta' karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni differenti, inkluż fi

prodotti mediċinali perikoluży, jew fil-każ ta' ċirkostanzi li jinbidlu relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 12l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12l) Id-differenzi speċifiċi għall-ġeneru fix-xejriet tal-esponiment, fis-suxxettibbiltà fiżjoloġika u fl-eżiti tas-saħħa għadhom mhumiex riflessi biżżejjed fir-riċerka dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji kimiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi integrazzjoni sistematika tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-valutazzjonijiet tar-reviżjonijiet futuri ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 2, il-punt (a)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness;	"(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness***, inkluż fil-lista stipulata f'dak l-Anness minħabba l-effetti karċinoġeniċi tiegħu;";***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 2, il-punt b(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness;	"(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi f'dak l-Anness***, inkluż fil-lista stipulata f'dak l-Anness minħabba l-effetti karċinoġeniċi tiegħu;";***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1b) Fl-Artikolu 2, il-punt (ba) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(ba) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni" tfisser sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;	"(ba) "sustanza tossika għar-riproduzzjoni" tfisser***:***
	(i) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;
	(ii) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Anness I ta' din id-Direttiva kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata

minn proċess imsemmi f'dak l-Anness, inkluż fil-lista stipulata f'dak l-Anness minħabba l-effetti karċinoġeniċi tiegħu;";

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. Il-ħaddiema għandhom ikunu intitolati għal pawżi proporzjonati u regolari meta jilbsu tagħmir protettiv.";

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Artikolu 18a – punt 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1d) fl-Artikolu 18a, il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. Mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2024***, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, ***u wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tippproponi, fejn xieraq, valur*** limitu għall-kobalt u għall-komposti tal-kobalt inorganiċi.	"7. Mhux aktar ***tard minn ... [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]***, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku, ***tevalwa l-valur*** limitu għall-kobalt u għall-komposti tal-kobalt inorganiċi ***billi twettaq valutazzjoni tal-impatt ġdida li tqis ir-realtajiet ġeopolitiċi li qed jevolvu u l-indipendenza strateġika tal-Unjoni, filwaqt li tippreserva l-ogħla protezzjoni possibbli għall-ħaddiema esposti***. ***Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab***

	soċjali, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tbaxxi dak il-valur ta' limitu.";

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02004L0037-20240408)

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Anness I, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi (l-Artikolu 2, il-punti (a)(ii) ***u*** (b)(ii))	"Lista ta' sustanzi, taħlitiet u proċessi (l-Artikolu 2, il-punti (a)(ii)***,*** (b)(ii) ***u (ba)(ii)***)***";***

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2004/37/KE
Anness I – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen minn proċessi ***tal-iwweldjar*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ***għal sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji*** għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1];	9. Xogħol li jinvolvi l-esponiment għad-dħaħen ***mill-iwweldjar u*** minn proċessi ***li jiġġeneraw dħaħen b'mod simili,*** li fihom sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika tal-kategorija 1A jew 1B stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008[1];
[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-	[1] L-esponiment ma għandux ikun iktar mill-valur limitu ta' karċinoġenu, mutaġenu jew sustanza riprotossika kif stabbilit fl-Anness III meta dawk is-

sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.	sustanzi jiġu rilaxxati matul il-proċess tal-iwweldjar.
	Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42

Test propost mill-Kummissjoni

			Valuri ta' limitu							
			8 sigħat (3)			*Terminu qasir (4)*				
Isem tal-aġent	Nru KE (1)	Nru CAS (2)	mg/m3 (5)	ppm (6)	f/ml(7)	mg/m3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Il-kobalt u l-komposti inorganiċi tal-kobalt			***0,01(11) 0,0025 (9)***		-	-	-	-	sensitizzazzjoni dermali u respiratorja (13)	***Valur ta' limitu ta' 0,02(11) u 0,0042(9) sa …[ĠU: sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja]***

(9) Frazzjoni respirabbli.

(11) Frazzjoni inalabbli.

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE (1)	Nru CAS (2)	mg/m3 (5)	ppm (6)	f/ml(7)	mg/m3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Il-kobalt u l-komposti inorganiċi tal-kobalt			***0,02(16b) 0,0042 (16a)***		-	-	-	-	sensitizzazzjoni dermali u respiratorja (13)	***imħassar***

(16a) Frazzjoni respirabbli, imkejla bħala Kobalt.

(16b) Frazzjoni inalabbli, imkejla bħala Kobalt.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2004/37/KE
Anness III – punt A – tabella – ringiela 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-aġent	Nru KE ([1])	Nru CAS ([2])	mg/m^3 ([5])	ppm ([6])	f/ml([7])	mg/m^3	ppm	f/ml	Notazzjoni	Miżuri tranżizzjonali
Isopren	***201-143-3***	***78-79-5***	***8,5***	***3***	-	-	-	-		

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Anness – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2004/37/KE
Anness IIIa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa 45 mg HEAA* fl-awrina/g ta' kreatinina."	Il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa 45 mg HEAA* fl-awrina/g ta' kreatinina***, imkejjel fi tmiem l-esponiment jew il-bidla***."

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

L-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi perikoluży għadu wieħed mill-aktar riskji serji għas-saħħa tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea. Kull sena jseħħu madwar 120,000 każ ta' kanċer relatat max-xogħol b'riżultat tal-esponiment għall-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol fl-UE, li jwasslu għal madwar 80,000 fatalità kull sena. Sa mill-ewwel adozzjoni tagħha fl-2004, id-direttiva dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni ġiet riveduta diversi drabi u issa tikkonċerna 28 sustanza li jikkawżaw il-kanċer. Din ir-reviżjoni tappoġġa l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021-2027, li jippromwovi approċċ ta' "viżjoni żero" għall-imwiet relatati max-xogħol.

Is-sitt reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE testendi l-protezzjoni għal miljuni ta' ħaddiema f'setturi bħall-manifattura, il-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa, is-servizzi ta' emerġenza, il-ġestjoni tal-iskart, u l-ekonomija ċirkolari.

Id-Direttiva 2004/37/KE għandha tradizzjoni qawwija ta' proċedura leġiżlattiva b'diversi stadji, ibbażata fuq l-evidenza u konsultattiva. Huwa importanti ħafna li l-valuri ta' limitu riveduti jkunu bbażati fuq evalwazzjoni xjentifika u fuq l-opinjoni tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH). L-ACSH huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali. L-ACSH jirrieżamina l-evidenza xjentifika u soċjoekonomika.

Il-pożizzjoni tagħna hija bbażata fuq l-opinjoni tal-ACSH. Dan jinkludi l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali (OEL) għall-kobalt u għall-komposti inorganiċi tal-kobalt, għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), għall-isoprin u għall-1,4-diossan, fejn qabel il-valuri ta' limitu nazzjonali kienu jvarjaw ħafna jew kienu neqsin. Barra minn hekk, għandna ninkludu d-dħaħen tal-iwweldjar, meta jkun fihom sustanzi CMR bħall-kromju jew in-nikil, fost il-proċessi koperti mid-Direttiva. Dan ikun ifisser li l-impjegaturi jridu japplikaw miżuri protettivi waqt l-iwweldjar.

Sustanzi bħall-kobalt jintużaw f'diversi setturi ta' importanza strateġika biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi tal-Unjoni dwar il-Klima. Dawn huma kritiċi għas-setturi li huma ċentrali għat-tranżizzjoni industrijali, inklużi l-batteriji u l-manifattura avvanzata. It-tisħiħ tal-awtonomija strateġika internazzjonali fil-materja prima huwa wieħed mill-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa ċar li hemm bżonn li tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-attivitajiet tal-ipproċessar tal-kobalt lejn pajjiżi mhux tal-UE bi standards ta' sikurezza okkupazzjonali aktar dgħajfa.

Minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi malajr u l-effetti potenzjali tagħha fuq il-ktajjen tal-provvista u d-dipendenzi strateġiċi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid b'mod regolari sustanzi bħall-kobalt. Filwaqt li tibni fuq dawn il-valutazzjonijiet, u f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra eżenzjonijiet immirati u limitati għal OELs eżistenti jew ġodda. Tali eżenzjonijiet iridu jkunu strettament limitati għal attivitajiet fejn dawn is-sustanzi għadhom essenzjali għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni, u l-protezzjoni tal-ħaddiema trid dejjem tibqa' l-ogħla prijorità.

Il-ħaddiema tat-tifi tan-nar u persunal ieħor ta' emerġenza huma partikolarment esposti għal taħlitiet kumplessi ta' sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni. Il-

WHO issa tikklassifika l-esponiment okkupazzjonali tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar bħala karċinoġeniku. Għalhekk, neħtieġu valutazzjonijiet tar-riskju speċifiċi, miżuri protettivi adegwati, u sorveljanza medika mmirata għal dawn il-ħaddiema b'riskju għoli.
Id-data fl-UE kollha dwar l-esponimenti għal sustanzi bħall-kobalt, l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi, l-isoprin u l-1,4-diossan, li hija affidabbli għadha limitata. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida u rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-ġbir tad-data nazzjonali u r-reġistri tal-esponiment. Gwida mtejba tal-UE għandha tappoġġa wkoll lill-ispetturi tax-xogħol u lill-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, fl-applikazzjoni effettiva tad-direttiva. Dan jinkludi gwida dwar id-dħaħen tal-iwweldjar u proċessi ta' esponiment simili, li tibni fuq għodod eżistenti bħall-gwida tal-SLIC mill-2018, filwaqt li tiżgura li l-monitoraġġ ikun ibbażat fuq l-evidenza u jkun konsistenti mal-infurzar.

Djalogu soċjali b'saħħtu huwa essenzjali għal implimentazzjoni effettiva. Is-sħab soċjali huma indispensabbli fl-identifikazzjoni tar-riskji, fit-tfassil ta' miżuri prattiċi ta' prevenzjoni u fl-iżgurar ta' applikazzjoni realistika fis-setturi kollha. L-obbligi jridu jibqgħu jistgħu jinkisbu għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, li spiss joperaw b'kapaċità finanzjarja u teknika limitata. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-impatti amministrattivi u jipprovdu appoġġ immirat mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha. Introduċejt dritt ċar għall-ħaddiema li jieħdu pawżi proporzjonati u regolari meta jużaw tagħmir protettiv, li jirrifletti kemm il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza kif ukoll tal-benesseri.

Id-differenzi bejn il-ġeneri fix-xejriet tal-esponiment, fir-risponsi fiżjoloġiċi u fl-eżiti tas-saħħa għadhom mhumiex integrati biżżejjed fir-riċerka dwar is-sikurezza okkupazzjonali. Għalhekk, jeħtieġ li ninkorporaw b'mod sistematiku perspettiva tal-ġeneru fil-valutazzjonijiet futuri.

Ir-rekwiżiti ta' taħriġ huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jirċievu informazzjoni ċara u aġġornata kull meta jinqalgħu riskji ġodda, inkluż it-trattament ta' diversi sustanzi perikoluży jew prodotti mediċinali perikoluży. Dan l-approċċ jiżgura li t-taħriġ ikun direttament rilevanti għall-kompiti mwettqa u għar-riskji ffaċċjati.

Din ir-reviżjoni tirrappreżenta pass deċiżiv fil-prevenzjoni ta' kanċers okkupazzjonali u effetti oħra fit-tul fuq is-saħħa madwar l-Unjoni Ewropea. Din issaħħaħ l-integrità xjentifika, iċ-ċertezza legali u l-protezzjoni għall-ħaddiema f'setturi b'riskju għoli filwaqt li tappoġġa r-reżiljenza industrijali u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa. Tiżgura li l-SMEs jiġu appoġġati fl-applikazzjoni tar-regoli filwaqt li jinżammu standards ta' protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha. Fuq kollox, din ir-reviżjoni tafferma mill-ġdid il-prinċipju fundamentali li kull ħaddiem fl-Unjoni Ewropea għandu d-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Trade Union Confederation (ETUC)
Algemeen Christelijk Vakverbond (ACV)
BusinessEurope
Council of European Employers of the Metal, Engineering and Technology-based Industries (CEEMET)
Agoria
Cobalt Institute
Duracell
European Commission - DG Employment
Permanent Representation of Cyprus to the EU
Permanent Representation of Denmark to the EU
Permanent Representation of Belgium to the EU
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).